**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 71

It-Tnejn 19 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:15p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier, skużat

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## 71.1 Unaudited Accounts għas-sena li għalqet fil-31 ta'Diċembru 2017

71.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa u stniednet lill-Accountant biex tispjega il-Financial Accounts.

71.1.3 L-Accountant tal-Kunsill bdiet tispjega fuq l-*Statement of Comprehensive* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2017.

71.1.4 Hija tkellmet fuq id-dħul tal-Kunsill, Supplimentary Income u Tipping fees u qalet li l-Kunsill daħħal inqas flus mis-sena l-oħra.

71.1.5 Hija kompliet tgħid li l-bulk ta' l-ispejjes kienu relatati ma' l-administration imma spejjes oħra kienu jinkludu kuntratti u maintenance.

71.1.6 Spejjes oħra bejn wieħed u ieħor baqgħu l-istess imma n-nefqa totali kienet inqas mis-sena 2016.

71.1.7 Is-sena 2017 tirriżulta b' surplus ta' €46,567.

71.1.8 Hija qalet li parti mis-surplus intużaw biex ikompli jitħallas il-PPP.

71.1.9 L-Accountant kompliet tgħid li l-performance kienet aħjar minn tas-sena l-oħra.

71.1.10 L-Accountant kompliet tgħid li wara l-Audit jista' jkun li l-figuri ser ivarjaw minħabba l-UIF funds u t-Tippiing fees mill-WasteServ u hemm probabilita' li dawn ikunu favur il-Kunsill.

71.1.11 Is-Segretarju staqsiet lill-Accountant jekk b'dan is-surplus ta' €46,567 aħniex above il-Financial Situation Indicator.

71.1.12 L-Accountant irrispondiet li dan jiddependi kif ser jaħdmu l-Awdituri jekk idaħħlux id-dejn li l-Kunsill għandu fuq il-PPP.

71.1.13 Il-Kunsill flimkien ma' l-Accountant komplew jiddiskutu dawn il-Financial Accounts fejn fost affarijiet oħra issemmew il-kotba 'Ħal Lija fi tfuliti' u l-van tal-Kunsill.

71.1.14 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sinjorina Stephanie Cutajar l-unaudited accounts għas-sena li għalqet 31 ta' Diċembru 2017 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u l-Segretarju Eżekuttiv biex l-għada it-Tlieta 20 ta' Frar 2018, dawn jintbagħtu għand l-Awditur Ġenerali u l-Awdituri tal-Kunsill.

## 71.2 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

71.2.1 Din il-laqgħa urġenti ntemmet fis-06.30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' Marzu 2017 fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |